**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.M., (IMLI), LL.D.**

**Illum il-Gimgha 3 ta' Gunju, 2016.**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**

**Vs**

**Johan Zammit**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Johan Zammit**, ta' 41 –il sena, iben Mario u Mary xebba Gerada, imwieled Zejtun nhar is-7 ta' Gunju, 1975, u joqghod nru. 2, Triq il-Qastan, Marsaskala detentur tal-karta ta' l-identita` 313475M.

Akkuzat talli nhar id-29 ta' Mejju, 2016, ghall-habta tan-12:30 p.m., mill-fond Nru. 81, Dar il-Holma, Triq l-Imriekeb, Marsaskala:

1. Ikkommetta serq ta' gojjellerija minn fuq il-persuna ta' Alfreda Patricia Joy King, ta' 89 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa` w ghoxrin Euro u seba` w tletin centezmu (€2329.37), u bil-lok li sar ghad-detriment ta' l-istess Alfreda Patricia Joy King;

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta’ Alfreda Patricia Joy King f’ periklu car, ikkagunalha griehi ta’ natura hafifa, skond ma ccertifika Dr. Mario Joseph Blackman M.D. (reg. no. 5607), persuna ta’ 89 sena u/jew fuq persuna li tbati minn marda tal-gisem jew tal-mohh fi grad li minhabba fiha ma setghetx tiddefendi ruhha sew;

Akkuzat wkoll talli nhar is-27 ta’ Mejju, 2016, ghall-habta ta’ l-4:30 p.m., gewwa *Beth Jewellery*, fi Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar:

3. Bil-hsieb li jikkommetti serqa ta’ gojjellerija, wera dan il-hsieb b’ atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indiendenti mill-volonta` tieghu w li kieku gie esegwit kien ikun delitt ta’ serq kkwalifikat bil-mezz u bil-valr, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa` w ghoxrin Euro u seba` u tletin centezmu (€2329.37), ghad-detriment tal-Classic Group u/jew ta’ xi persuna/I w/jew ta’ xi entita` u/jew entitajiet ohra;

Akkuzat ukoll talli f’ dawn il-Gzejjer, nhar is-27 ta’ Mejju, 2016:

4. Saq vetturq BMW, numru ta’ registrazzjoni, EBQ229, minghajr ma kien kopert b’ polza t’ assigurazzjoni kontra r-riskji ta’ terzi persuni;

5. F’ Malta xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, cioe` karozza BMW, numru ta’ registrazzjoni EBQ229, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa` w ghoxrin Euro u seba` u tletin centezmu (€2329.37), liema vettura kienet mehuda b’ qerq, jew akkwistata b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghha jew imexxiha;

6. Finalment, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat il-Ligi senjatament l-Artikoli 49, 50, 261, 262(1)(a)(2); 263(a), 267, 269, 274(c), 276A, 277(b), 278(2), 279(b), 280(2)(3), 289, 334(a), 578, 579(1)(2)(3) ilkoll tal-Kap.9 kif ukoll l-Art 3(1)(1A)(2)(2A)(3) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-akkuzat;

Regghet semghet l-ammissjoni tieghu wara li tatu zmien biex jikkonsidra;

Semghet lill-akkuzat jgharraf lill-Qorti li huwa jixtieq ibiddel hajtu u ghalhekk jixtieq ikun jista' jghamel il-programm u jinghata l-kura kollha mehtiega sabiex johrog mill-vizzju li ghandu u jirriabilita' ruhu bil-ghan li meta johrog mill-habs ikun persuna differenti.

Fic-cirkostanzi l-Qorti ssib lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Qeghda tikkundannah piena karcejarja kumplessiva ta' erba' snin (4) u qeghda tordna lill-Awtoritajiet kompetenti sabiex jassikuraw illi l-akkuzat jinghata l-kura kollha mehtiega biex johrog mill-vizzji li huwa ghandu.

**Magistrat Francesco Depasquale** **Marisa Bugeja – Dep. Registratur.**